MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 222/2007

**A.N.G. Borg Limited (C10824)**

**Vs**

**Edgar Urpani (KI 292468M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ elfejn erba mija u tletin liri Maltin (Lm2,430) rapprezentanti rifuzjoni ta’ somma ta’ flus mhallsa mis-socjeta’ rikorrenti ghall-konsenja ta’ zokkor, liema konsenja qatt ma twasslet lis-socjeta rikorrenti mill-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru ta’ tnax (12) ta’ Lulju 2007 u bl-imghax, il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti tal-kawza, il-konvenut, avolja notifikat skond il-ligi, bl-ebda mod ma' kkontesta t-talba attrici.

Illi, da parti tas-socjeta attrici, gie prodott Gaetano Farrugia, bhala direttur taghha, li xehed illum stess u, taht gurament ikkonferma li l-ammont mitlub fir-rikors in esami, kien ghadu dovut sallum.

Illi ghalhekk, dak mitlub fir-rikors promotur ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet in esami u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' Lm2430.00 ossija €5660.38 bl-imghax legali mit-12 ta' Lulju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-12 ta' Lulju 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------